



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 31 ta' Jannar 2019
(OR. en)

5933/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0031(APP)

FIN 88
CADREFIN 56
PREP-BXT 36
RESPR 8

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	31 ta' Jannar 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 64 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL dwar miżuri li jikkonċernaw l-implimentazzjoni u l-finanzjament tal-baġit ġenerali tal-Unjoni fl-2019 fir-rigward tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 64 final.

Mehmuż: COM(2019) 64 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.1.2019
COM(2019) 64 final

2019/0031 (APP)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar miżuri li jikkonċernaw l-implimentazzjoni u l-finanzjament tal-baġit ġenerali tal-Unjoni fl-2019 fir-rigward tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Minn meta r-Renju Unit innotifika l-intenzjoni tiegħu ta' ħruġ, l-Unjoni Ewropea konsistentement iddikjarat li jenħtieġ li l-Unjoni u r-Renju Unit jonoraw l-obbligi rispettivi tagħhom li jirriżultaw mill-perjodu kollu tas-sħubija tar-Renju Unit fl-Unjoni. Dan il-prinċipju għe mfakkar fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-29 ta' April 2017, u rifless fl-introduzzjoni tal-abbozz tal-ftehim dwar il-ħruġ miftiehem bejn is-27 Stat Membru u l-Gvern tar-Renju Unit fl-14 ta' Novembru 2018. In-nuqqas ta' ftehim dwar il-ħruġ fid-data tal-ħruġ ma jkollux impatt fuq il-prinċipju gwida.

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Tħejjija għall-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea fit-30 ta' Marzu 2019: Pjan ta' Azzjoni ta' Kontinġenza" tat-13 ta' Novembru 2018¹ stipulat il-miżuri ta' kontinġenza li l-Kummissjoni qed tippjana li tieħu jekk fid-data tal-ħruġ ma jidħol fis-seħħ ebda ftehim dwar il-ħruġ. F'din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni elenkat l-azzjonijiet li kienet tikkunsidra neċessarji filwaqt li fakkret li jistgħu jkunu meħtieġa azzjonijiet addizzjonali fi stadju aktar tard. Il-Komunikazzjoni ppreżentat ukoll is-sitt prinċipji ġenerali li jenħtieġ li jikkonformaw magħhom il-miżuri kollha ta' kontinġenza. Dawn jinkludu l-prinċipji li l-miżuri ma jenħtieġx li jirreplikaw il-benefiċċji tas-sħubija mal-Unjoni, lanqas it-termini ta' xi perjodu ta' tranżizzjoni, kif previst fil-Ftehim dwar il-Ħruġ; iridu jkunu temporanji fin-natura tagħhom u fil-prinċipju ma jenħtieġx li jmorru lil hinn mill-aħħar tal-2019; kif ukoll iridu jkunu azzjonijiet unilaterali tal-Unjoni Ewropea favur l-interessi tagħha, u għaldaqstant fil-prinċipju l-Unjoni tista' tirrevokahom fi kwalunkwe ħin.

Xenarju fejn ma jintlaħaq l-ebda ftehim se jħalli r-relazzjonijiet baġitarji bejn l-Unjoni u r-Renju Unit mingħajr arranġamenti legali miftiehma, sakemm eventwalment jintlaħaq ftehim. Dan il-vojt ġuridiku jkun joħloq ħafna inċertezza u diffikultajiet għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni, għall-benefiċjarji kollha tar-Renju Unit u f'xi każi anki għall-benefiċjarji tal-Istati Membri l-oħra. B'konformità mal-approċċ ġenerali tal-Kummissjoni, din il-proposta hija miżura ta' kontinġenza bi tweġiba għal din is-sitwazzjoni.

Wara l-ħruġ, ir-Renju Unit mhux se jibqa' membru tal-Unjoni Ewropea; it-Trattati u l-leġislazzjoni sekondarja mhux se jkunu applikabbli għar-Renju Unit. Ir-Renju Unit jew l-entitajiet stabbiliti fir-Renju Unit mhux se jibqgħu eliġibbli biex jirċievu finanzjament taħt dawn il-programmi tal-Unjoni, sakemm fl-atti legali tal-programmi ta' nfiq tal-UE ma jiġux inklużi dispożizzjonijiet rilevanti għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi.

L-għan ta' din il-proposta huwa li jiġi evitat, jew għall-inqas minimizzat, kull tfixkil bla bżonn għall-benefiċjarji tal-programmi ta' nfiq u għal azzjonijiet oħra tal-UE fil-mument tal-ħruġ, anki bl-aspettattiva li dan ikun jiffaċilita saldu finanzjarju bejn l-Unjoni u r-Renju Unit.

Il-qafas ta' kontinġenza propost jipprevedi l-possibbiltà li tinżamm l-eliġibbiltà li, wara d-data tal-ħruġ u għal perjodu ta' żmien limitat (sal-31 ta' Diċembru 2019), ir-Renju Unit u l-entitajiet tar-Renju Unit jibbenefikaw mill-finanzjament tal-Unjoni skont impenji legali li jkunu saru qabel id-data tal-ħruġ. Dan huwa soġġett għall-kundizzjoni li r-Renju Unit jieħu impenn bil-miktub u jkompli jikkontribwixxi għall-finanzjament tal-baġit għall-2019 skont it-termini stabbiliti f'din il-proposta. Barra minn hekk, ir-Renju Unit jenħtieġ li jieħu impenn

¹ COM/2018/880 final.

bil-miktub li jaċċetta l-kontrolli u l-awditi li jkopru l-perjodu ta' implimentazzjoni kollu tal-programmi jew tal-azzjonijiet. B'dawn il-kundizzjonijiet, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni se jkunu mħarsa.

Ir-Renju Unit u l-entitajiet tar-Renju Unit, kif ukoll entitajiet mill-Istati Membri l-oħra li l-eliġibbiltà tagħhom hija affettwata mill-ħruġ tar-Renju Unit, ikunu jistgħu jkomplu jibbenefikaw mill-finanzjament tal-Unjoni skont il-kundizzjonijiet ta' din il-proposta. Dan ikun itaffi l-effett ta' tfixkil li jkollu l-ħruġ fuq ftehimiet u deċizzjonijiet eżistenti. Ikun jippermetti li l-implimentazzjoni tal-baġit issir b'mod ordnat fir-rigward tal-impenji legali mar-Renju Unit u mal-entitajiet tar-Renju Unit li jkunu ġew iffirmati jew adottati qabel id-data tal-ħruġ.

Barra minn hekk, peress li r-Renju Unit ikun qed jiffinanzja l-baġit kollu tal-2019, u b'konformità mal-obiettiv li jiġi implimentat kompletament il-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020 deċiż meta r-Renju Unit kien membru tal-Unjoni, ir-Renju Unit u l-entitajiet tar-Renju Unit ikunu eliġibbli fl-2019 għall-finijiet tal-kundizzjonijiet stipulati biex jipparteċipaw f'sejħiet, offerti, kompetizzjonijiet jew kull proċedura oħra li tista' twassal għal finanzjament mill-baġit tal-Unjoni. Dan ma jkunx japplika f'każ li jkun hemm restrizzjonijiet fir-rigward tas-sigurtà u ta' azzjonijiet li jinvolvu l-Bank Ewropew tal-Investment jew il-Fond Ewropew tal-Investment.

Il-qafas ta' kontinġenza propost ikun jippermetti wkoll il-finanzjament ta' azzjonijiet li fihom l-Istati Membri u l-entitajiet tal-Istati Membri huma benefiċjarji fejn l-eliġibbiltà tiddependi fuq il-fatt li r-Renju Unit huwa Stat Membru, bil-kundizzjoni li dawn l-azzjonijiet speċifiċi jiġu implimentati skont impenji legali li jkunu ġew iffirmati jew adottati qabel id-data tal-ħruġ.

Din l-eliġibbiltà tar-Renju Unit u tal-entitajiet tar-Renju Unit tibda tapplika biss wara li l-kundizzjonijiet stipulati f'din il-proposta jkunu ġew issodisfati, inkluż li r-Renju Unit ikun għamel l-ewwel pagament tiegħu lill-baġit tal-UE għall-perjodu ta' wara l-ħruġ tiegħu. Il-qafas ta' kontinġenza li jipprevedi l-eliġibbiltà tar-Renju Unit u tal-entitajiet tar-Renju Unit ma jibqax japplika jekk ir-Renju Unit ma jibqax iħallas jew jekk ikunu ġew osservati defiċjenzi sinifikanti fl-eżekuzzjoni tal-kontrolli u tal-awditi.

Il-proposta hija mingħajr preġudizzju għan-negozjar ta' ftehim mar-Renju Unit dwar saldu finanzjarju li jkopri l-obbligi reċiproċi kollha. Jekk fl-2019 ma jintlaħaq l-ebda ftehim, is-sitwazzjoni fil-bidu tal-2020 se tkun ekwivalenti għal dik fid-data tal-ħruġ għall-impenji reċiproċi li jkunu hađu l-Unjoni u r-Renju Unit. Fi kwalunkwe każ l-Unjoni u r-Renju Unit ikunu jridu jonoraw l-obbligi rispettivi tagħhom li jirriżultaw mill-perjodu kollu tas-sħubija tar-Renju Unit fl-Unjoni.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din il-proposta għandha l-għan li timminimizza l-impatt negattiv tal-ħruġ tar-Renju Unit għall-baġit tal-Unjoni u għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta hija kompletament konsistenti mal-mandat tal-Kunsill għan-negozjati mar-Renju Unit rigward il-ħruġ tiegħu mill-Unjoni.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 352 TFUE u l-Artikolu 203 tat-Trattat Euratom jippermettu li l-Unjoni tadotta miżuri xierqa jekk jirriżulta li huma meħtieġa azzjonijiet mill-Unjoni, fil-qafas tal-politiki, biex jinkiseb wieħed mill-oġettivi stipulati fit-Trattati, u t-Trattati ma jkunux ipprovdew is-setgħat meħtieġa. Ir-Regolament propost jikkostitwixxi miżura li tippermetti tranżizzjoni, wara l-ħruġ ta' Stat Membru, fir-rigward tal-finanzjament u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet mill-baġit tal-Unjoni f'sitwazzjoni fejn ma jkun ġie konkluż ebda ftehim ma' dak l-Istat. Tali miżura hija neċessarja sabiex jiġi implimentat il-baġit tal-Unjoni tas-sena finanzjarja kurrenti (2019), ikunu jistgħu jaslu l-pagamenti mingħand l-Istat Membru li qed joħroġ, kif ukoll tipprovdni soluzzjoni għall-azzjonijiet li jinsabu għaddejjin u li huma ffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni favur ir-Renju Unit u l-benefiċjarji tar-Renju Unit u għal azzjonijiet ġodda ġġustifikati mill-kontribuzzjoni tar-Renju Unit għall-baġit tal-2019. It-Trattati ma jipprevedux is-setgħat neċessarji biex l-Unjoni tadotta tali miżuri tranżitorji u għalhekk l-Artikolu 352 TFUE u l-Artikolu 203 tat-Trattat Euratom huma l-bażi ġuridika xierqa.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

L-awtorità baġitarja tal-Unjoni adottat il-baġit tal-Unjoni għall-2019 sabiex tiffinanzja l-azzjonijiet u l-programmi ta' nfiq skont il-QFP 2014-2020 kif adottati mill-leġiżlatur tal-Unjoni. L-oġettivi tal-azzjoni proposta jistgħu għalhekk jinkisbu permezz ta' miżura fil-livell tal-Unjoni.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta ma teċċedix dak li hu meħtieġ biex jinkisbu l-oġettivi tal-miżura, peress li tasal sal-limitu li tiddetermina l-kundizzjonijiet meħtieġa biex tiġi stabbilita l-eliġibbiltà tar-Renju Unit u tal-entitajiet tar-Renju Unit, u hija limitata fiż-żmien.

- **Għażla tal-istrument**

Minħabba l-bżonn ta' att vinkolanti li jkun applikabbli direttament, li jiġi propost regolament huwa l-unika forma adegwata.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX-POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Ma kienx possibbli li jsiru konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati minħabba l-urġenza biex titħejja l-proposta sabiex tkun tista' tiġi adottata fil-ħin mill-Kunsill wara li jkun inkiseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew qabel l-elezzjonijiet Ewropej.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Minħabba n-natura tal-miżura proposta, ma saret l-ebda valutazzjoni tal-impatt, b'konformità mal-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar. Ma hemmx disponibbli alternattivi ta' politika oħrajn materjalment differenti. Il-qafas ta' kontinġenza previst ikun jiffaċilita l-

implimentazzjoni bla xkiel tal-baġit tal-2019 u ta' ftehim futur possibbli mar-Renju Unit bl-obbligi rispettivi li jirriżultaw mill-perjodu kollu tas-sħubja tar-Renju Unit fl-Unjoni.

4. IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT

F'xenarju fejn ma jintlaħaq l-ebda ftehim permezz ta' din il-proposta r-Renju Unit u l-benefiċjarji tar-Renju Unit jingħataw lura l-eliġibbiltà sakemm ir-Renju Unit jibqa' jħallas il-kontribuzzjoni tiegħu stabbilita fil-baġit għall-2019. Għaldaqstant ma hemm l-ebda implikazzjoni għall-baġit meta mqabbel mal-baġit tal-2019 kif adottat mill-Parlament Ewropew f'Diċembru 2018.

L-impenn bil-miktub tar-Renju Unit li jaċċetta l-kontrolli u l-awditi neċessarji jkunu kundizzjoni għall-applikazzjoni tal-qafas ta' kontinġenza.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar miżuri li jikkonċernaw l-implimentazzjoni u l-finanzjament tal-baġit ġenerali tal-Unjoni fl-2019 fir-rigward tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 352 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 203 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew²,

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

- (1) Fid-29 ta' Marzu 2017 ir-Renju Unit ippreżenta n-notifika tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Fin-nuqqas ta' ftehim mar-Renju Unit dwar il-ħruġ u ta' estensjoni tal-perjodu ta' sentejn imsemmi fl-Artikolu 50(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattati ma baqgħux japplikaw għar-Renju Unit u fih fit-30 ta' Marzu 2019 Għaldaqstant hemm bżonn li jintlaħaq ftehim dwar saldu finanzjarju fir-rigward tal-obbligi finanzjarji li jirriżultaw mis-sħubija tar-Renju Unit fl-Unjoni fi ftehim internazzjonali futur bejn ir-Renju Unit u l-Unjoni.
- (2) Huwa għalhekk neċessarju li jiġu stipulati r-regoli dwar ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni minn naħa, u r-Renju Unit u l-benefiċjarji tiegħu min-naħa l-oħra fir-rigward tal-finanzjament u l-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni ("il-baġit") fl-2019.
- (3) It-Trattati ma jipprovdux setgħat għajr dawk skont l-Artikolu 352 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 203 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għall-adozzjoni tal-miżuri li jikkonċernaw l-implimentazzjoni u l-finanzjament tal-baġit 2019 fir-rigward tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni.
- (4) Ir-Renju Unit u persuni u entitajiet stabbiliti fir-Renju Unit qed jipparteċipaw f'għadd ta' programmi jew azzjonijiet tal-Unjoni abbażi tas-sħubija tar-Renju Unit fl-Unjoni. Din il-partiċipazzjoni ssir abbażi ta' ftehimiet mar-Renju Unit jew ma' persuni jew entitajiet stabbiliti fir-Renju Unit jew abbażi ta' deċiżjonijiet favur ir-Renju Unit jew persuni jew entitajiet stabbiliti fir-Renju Unit li jikkostitwixxu impenji legali.
- (5) Għal ħafna minn dawk il-ftehimiet u deċiżjonijiet, in-normi li jirregolaw l-eliġibbiltà jirrikjedu li l-benefiċjarju jkun Stat Membru jew persuna jew entità stabbilita fi Stat

² ĠU C , , p. .

Membru. L-eliġibbiltà tar-Renju Unit jew ta' persuni jew entitajiet stabbiliti fir-Renju Unit hija f'każi bħal dawn marbuta mal-fatt li r-Renju Unit huwa Stat Membru. Il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni għalhekk jimplika t-telf tal-eliġibbiltà ta' tali benefiċjarji għall-finanzjament tal-Unjoni skont il-ftehimiet u d-deċiżjonijiet. Madankollu, dan ma jikkonċernax każijiet fejn persuni jew entitajiet stabbiliti fir-Renju Unit jipparteċipaw f'azzjoni bħal u skont il-kondizzjonijiet applikabbli skont ir-regoli rispettivi tal-Unjoni għal persuni u entitajiet stabbiliti f'pajjiż terz.

- (6) Ikun ta' benefiċċju kemm għall-Unjoni u għall-Istati Membri tagħha kif ukoll għar-Renju Unit u għal persuni u entitajiet stabbiliti fir-Renju Unit jekk il-baġit għall-2019 jiġi implimentat kif ġie adottat għal dik is-sena. Ikun ukoll ta' benefiċċju jekk l-impennji legali ffirmati u adottati qabel id-data tal-ħruġ ikomplu jiġu eżegwiti.
- (7) Huwa għalhekk xieraq li jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet li skonthom ir-Renju Unit u persuni u entitajiet stabbiliti fir-Renju Unit ikunu jistgħu jibqgħu eliġibbli fl-2019 fir-rigward tal-ftehimiet iffirmati magħhom u tad-deċiżjonijiet adottati fir-rigward tagħhom sa dik id-data li fiha t-Trattati ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit u fih ("id-data tal-ħruġ"). Il-kundizzjonijiet ikunu li r-Renju Unit ikkonferma l-impenn dwarhom bil-miktub lill-Kummissjoni biex ikompli jħallas kontribuzzjoni għall-baġit fl-2019 abbażi tar-riżorsi proprji stmati mir-Renju Unit fil-baġit approvat għall-2019, li l-ewwel pagament tħallas mir-Renju Unit u li r-Renju Unit ikkonferma l-impenn tiegħu bil-miktub lill-Kummissjoni biex iħalli li jsiru l-awditi u l-verifiki bis-sħiħ mill-Unjoni f'konformità mar-regoli applikabbli. Fid-dawl tal-bżonn ta' ċertezza huwa xieraq li jiġi limitat iż-żmien għall-issodisfar tal-kundizzjonijiet. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta deċiżjoni dwar l-issodisfar tal-kundizzjonijiet.
- (8) Sakemm il-kundizzjonijiet għal eliġibbiltà tar-Renju Unit u l-persuni u l-entitajiet stabbiliti fir-Renju Unit stabbiliti skont dan ir-Regolament ikomplu jiġu ssodisfati, huwa xieraq ukoll li jiġi pprovdut għall-eliġibbiltà tagħhom għall-finijiet ta' kundizzjonijiet stabbiliti f'sejħiet, offerti, kompetizzjonijiet jew kwalunkwe proċedura oħra li tista' twassal għall-finanzjament mill-baġit tal-Unjoni, bl-eċċezzjoni ta' każijiet speċifiċi relatati mas-sigurtà u mat-telf ta' sħubija tar-Renju Unit fil-Bank Ewropew tal-Investment, u li jiġi pprovdut finanzjament tal-Unjoni lilhom.
- (9) Huwa xieraq li jiġi previst li l-eliġibbiltà tar-Renju Unit u l-persuni u l-entitajiet stabbiliti fir-Renju Unit tkompli bil-kundizzjoni li r-Renju Unit ikompli bil-pagamenti fil-baġit tal-Unjoni 2019 u li l-verifiki u l-awditi jistgħu jsiru b'mod effettiv. Fejn dawn il-kundizzjonijiet ma jibqgħux jiġu ssodisfati, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiegħu deċiżjoni li tikkonstata t-tali nuqqas. F'każ bħal dan, jenħtieġ li r-Renju Unit u persuni u entitajiet stabbiliti fir-Renju Unit ma jibqgħux eliġibbli għal finanzjament mill-Unjoni.
- (10) Huwa xieraq ukoll li tiġi prevista l-kontinwazzjoni ta' eliġibbiltà tal-azzjonijiet li permezz tagħhom l-Istati Membri jew entitajiet stabbiliti fl-Istati Membri jirċievu fondi mill-Unjoni u li huma relatati mar-Renju Unit fl-2019. Madankollu, jenħtieġ li n-nuqqas potenzjali ta' aċċettazzjoni mir-Renju Unit ta' verifiki u awditi jikkostitwixxi element li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni għall-finijiet ta' ġestjoni finanzjarja tajba meta tiġi vvalutata l-implimentazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet.
- (11) Peress li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni minħabba li jikkonċernaw il-baġit tal-Unjoni u programmi u azzjonijiet implimentati mill-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif

stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.

- (12) Sabiex jippermetti għal flessibilità limitata, jenħtieġ li s-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-possibilità ta' estensjoni tal-iskadenzi stabbiliti fl-Artikolu 2(1)(a), (b) u (c), u l-emendi għall-iskeda ta' pagament għax-xhur wara Awwissu 2019. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, anke fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni uguali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati. Fejn, fil-każ ta' riskju ta' tfixkil serju tal-implimentazzjoni u tal-finanzjament tal-baġit tal-Unjoni fl-2019, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jirrikjedu dan, jenħtieġ li l-att delegat jidħol fis-seħħ bla dewmien u jenħtieġ li japplika sakemm ma jkun hemm ebda oġġezzjoni espressa mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.
- (13) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ bħala kwistjoni ta' urġenza u jenħtieġ li japplika mill-jum wara dak li fih it-Trattati ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit u fir-Renju Unit. Minħabba li fid-data tal-ħruġ baġit tal-Unjoni adottat, li jipprevedi għall-parteeipazzjoni tar-Renju Unit fil-finanzjament tiegħu, ikopri biss l-2019, jenħtieġ li dan japplika biss għall-eliġibilità għas-sena tal-2019.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dwar l-implimentazzjoni u l-iffinanzjar tal-baġit ġenerali tal-Unjoni ("il-baġit") fl-2019 dwar il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni u azzjonijiet taħt ġestjoni diretta, indiretta u kondiwiża li għalihom l-eliġibilità tkun sodisfatta permezz tas-sħubija tar-Renju Unit fl-Unjoni fid-data li fiha t-Trattati ma jibqgħux japplikaw fir-Renju Unit u għar-Renju Unit ("data tal-ħruġ").
2. Dan ir-Regolament japplika mingħajr preġudizzju għall-programmi ta' kooperazzjoni territorjali koperti mir-Regolament (UE) 2019/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, u għal attivitajiet ta' mobbiltà għat-tagħlim taħt il-programm Erasmus+ koperti bir-Regolament 2019/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴.

³ Ir-Regolament (UE) 2019/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta'... sabiex jippermetti l-kontinwazzjoni tal-programmi ta' kooperazzjoni territorjali PEACE IV (l-Irlanda - ir-Renju Unit) u r-Renju Unit - l-Irlanda (l-Irlanda - l-Irlanda ta' Fuq - l-Iskozja) fil-kuntest tal-irtirar tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea.

⁴ Ir-Regolament (UE) 2019/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta'... li jistabbilixxi provvedimenti għall-kontinwazzjoni ta' attivitajiet ta' mobbiltà ta' tagħlim kontinwu taħt il-programm Erasmus+ fil-kuntest tal-ħruġ tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq ("ir-Renju Unit) mill-Unjoni Ewropea.

Artikolu 2
Kundizzjonijiet għall-eliġibbiltà

1. Fejn ir-Renju Unit jew persuna jew entità stabbilita fir-Renju Unit jirċievu fondi tal-Unjoni fl-ambitu ta' azzjoni mwettqa b'ġestjoni diretta, indiretta jew kondiviża skont impenji legali ffirmati jew adottati qabel id-data tal-ħruġ u ta' eliġibbiltà taħt dik l-azzjoni li tiddependi fuq is-sħubija tar-Renju Unit fl-Unjoni, huma għandhom ikomplu jkunu eliġibbli fl-2019 wara d-data tal-ħruġ jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) ir-Renju Unit ikkonferma mhux aktar tard mit-18 ta' April 2019 bil-miktub lill-Kummissjoni li huwa se jkompli jikkontribwixxi għall-baġit fl-2019 għall-ammont muri fil-linja "Renju Unit" u l-kolonna "Riżorsi Propriji Totali" tat-Tabella 7 tal-parti "A. Introduzzjoni u finanzjament tal-baġit ġenerali tal-Unjoni" tal-parti tad-dħul tal-baġit għall-2019 stabbiliti fl-adozzjoni Definittiva (UE, Euratom) 2019/... tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2019⁵ imnaqqas bl-ammont ta' riżorsi propriji magħmula disponibbli mir-Renju Unit fir-rigward tas-sena finanzjarja tal-2019 qabel id-data tal-ħruġ, skont l-iskeda tal-pagament stabbilita f'dan ir-Regolament;
- (b) ir-Renju Unit ikun ħallas sa mhux aktar tard mit-30 ta' April 2019 fuq il-kont stabbilit mill-Kummissjoni l-ewwel pagament li jikkorrispondi għall-ħlas parzjali msemmi fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu immultiplikat bir-riżultat ta' dan li ġej: in-numru ta' perjodi ta' xhur sħaħ bejn id-data tal-ħruġ u tmiem is-sena 2019 imnaqqas bin-numru ta' xhur bejn ix-xahar tal-ewwel pagament, ħlief dak ix-xahar, u tmiem is-sena 2019;
- (c) ir-Renju Unit ikkonferma mhux aktar tard mit-18 ta' April 2019 l-impenn bil-miktub lill-Kummissjoni li se jkompli jaċċetta l-kontrolli u l-awditi li jkopru l-perjodu kollu ta' programmi u azzjonijiet f'konformità mar-regoli applikabbli;
- (d) il-Kummissjoni adottat id-deċizzjoni msemmija fil-paragrafu 2 li l-kundizzjonijiet imsemmija fil-punt (a), (b) u (c) ġew issodisfati.

L-ammont imsemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu għandu jinqasam fi ħlasijiet parzjali indaqs. L-għadd ta' ħlasijiet parzjali għandu jikkorrispondi għan-numru ta' xhur sħaħ bejn id-data tal-ħruġ u tmiem is-sena 2019. Il-pagamenti tal-ammont imsemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu għandhom jikkostitwixxu dħul ieħor tal-baġit tal-Unjoni.

L-impenn imsemmi fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu għandu jinkludi b'mod partikolari kooperazzjoni fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u fl-aċċettazzjoni tad-drittijiet tal-Kummissjoni, il-Qorti tal-Awdituri u l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi biex ikollhom aċċess għal *data* u dokumenti relatati ma' kontribuzzjonijiet tal-Unjoni, u biex iwettqu verifiki u awditi.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta deċizzjoni dwar jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1 ġewx issodisfati.
3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 7 dwar l-estensjoni tal-iskadenzi stabbiliti fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1.

Fejn, fil-każ ta' riskju ta' tfixkil serju tal-implimentazzjoni u tal-finanzjament tal-baġit tal-Unjoni fl-2019, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu

⁵ ĠU...

jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 8 għandha tapplika għal atti delegati adottati skont dan il-paragrafu.

Artikolu 3

Kontinwazzjoni ta' eliġibbiltà tar-Renju Unit u ta' persuni u entitajiet stabbiliti fir-Renju Unit

1. L-eliġibbiltà tar-Renju Unit u ta' persuni u entitajiet stabbiliti fir-Renju Unit stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 2 għandha tkompli fis-sena 2019 sakemm il-kundizzjonijiet li ġejjin jiġu ssodisfati:
 - (a) wara l-ewwel pagament magħmul f'konformità mal-Artikolu 2(1)(b), ir-Renju Unit ikun ħallas fil-kont stabbilit mill-Kummissjoni l-pagament mensili msemmi fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 2 fl-ewwel jum tax-xogħol ta' kull xahar sa Awwissu 2019;
 - (b) ir-Renju Unit ikun ħallas fil-kont stabbilit mill-Kummissjoni fl-ewwel jum tax-xogħol ta' Settembru 2019 ir-rimanti pagamenti mensili msemmija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 2, ħlief jekk il-Kummissjoni tikkomunika lir-Renju Unit skeda ta' pagamenti differenti għal dan il-pagament sal-31 ta' Awwissu 2019;
 - (c) ma jkun ġie osservat l-ebda nuqqas sinifikanti fit-twettiq tal-verifiki u tal-awditi msemmija fl-Artikolu 2(1)(c).
2. Fejn waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ma jkunux issodisfati, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni għal dan il-fini. Din id-deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Sa mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Artikolu 2, l-Artikolu 4 u l-Artikolu 5 ma għandhomx ikomplu japplikaw.
3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 7 dwar skeda ta' pagamenti differenti għall-pagament imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1.

Fejn, fil-każ ta' riskju ta' tfixkil serju tal-implimentazzjoni u tal-finanzjament tal-baġit tal-Unjoni fl-2019, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 8 għandha tapplika għal atti delegati adottati skont dan il-paragrafu.

Artikolu 4

Parteċipazzjoni fis-sejħa għal proposti

Mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 2(1)(d), u sakemm ma tkunx daħlet fis-seħħ deċiżjoni kif imsemmi fl-Artikolu 3(2), ir-Renju Unit jew persuni u entitajiet stabbiliti fir-Renju Unit għandhom ikunu eliġibbli fl-2019 għall-finijiet ta' kundizzjonijiet stabbiliti fi kwalunkwe sejħa għal proposti, offerti, kompetizzjonijiet jew kwalunkwe proċedura oħra li tista' twassal għal finanzjament mill-baġit tal-Unjoni bl-istess mod bħal Stati Membri u persuni jew entitajiet stabbiliti fl-Istati Membri, u jkunu eliġibbli għal finanzjament mill-Unjoni.

L-ewwel paragrafu ma għandux japplika fejn il-parteċipazzjoni hija limitata għall-Istati Membri u persuni jew entitajiet stabbiliti fl-Istati Membri għal raġunijiet ta' sigurtà, u għal

kwalunkwe azzjoni li tinvolvi l-parteċipazzjoni tal-Bank Ewropew tal-Investment jew tal-Fond Ewropew tal-Investment.

Artikolu 5

Adattamenti meħtieġa oħra

Jekk il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2(1) jiġu ssodisfatti, u sakemm deċiżjoni kif imsemmi fl-Artikolu 3(2) tkun daħlet fis-seħħ, għall-iskop ta' applikazzjoni ta' kwalunkwe regola li tirregola l-azzjonijiet imwettqa skont l-impenji legali msemmija fl-Artikolu 2(1), is-sejħiet għal proposti msemmija fl-Artikolu 4 u l-azzjonijiet imwettqa skont l-impenji legali ffirmati jew adottati wara s-sejħiet għal proposti msemmija fl-Artikolu 4, li huma meħtieġa biex jagħtu effett lill-Artikoli 2(1) u 4(1), ir-Renju Unit għandu jiġi ttrattat bħala Stat Membru soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

Madankollu, ir-Renju Unit jew ir-rappreżentanti tar-Renju Unit ma għandhom jitħallew jipparteċipaw f'ebda kumitat li jassisti fil-maniġment skont ir-regoli tal-att bażiku, jew gruppi ta' esperti jew korpi oħra li jagħtu pariri dwar il-programmi jew dwar l-azzjonijiet, bl-eċċezzjoni ta' monitoraġġ jew kumitati speċifiċi għall-programmi operazzjonali, nazzjonali jew programmi simili f'ġestjoni kondiviża.

Artikolu 6

Eliġibbiltà ta' azzjonijiet li jirrigwardaw lir-Renju Unit, fejn l-Istati Membri jew il-persuni jew l-entitajiet stabbiliti fl-Istati Membri jirċievu l-fondi mill-Unjoni.

1. L-azzjonijiet taħt ġestjoni diretta, indiretta u kondiviża li għalihom l-Istati Membri jew persuni jew entitajiet stabbiliti fl-Istati Membri jirċievu l-fondi mill-Unjoni skont impenji legali ffirmati jew adottati qabel id-data tal-ħruġ u li għalihom l-eliġibbiltà tkun issodisfata permezz tas-sħubija tar-Renju Unit fl-Unjoni fid-data tal-ħruġ għandhom ikunu eliġibbli fl-2019 sa mid-data tal-ħruġ.

L-azzjonijiet li għalihom il-kundizzjoni ta' eliġibbiltà ta' numru minimu ta' parteċipanti minn Stati Membri differenti f'konsorzju tkun issodisfata fid-data tal-ħruġ minn membru tal-konsorzju li hija persuna jew entità stabbilita fir-Renju Unit, għandhom ikunu eliġibbli fl-2019 meta l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 2(1) ikunu ssodisfati.

2. In-nuqqas ta' sodisfazzjon tal-kundizzjoni msemmija fl-Artikolu 2(1)(c) jew ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni kif imsemmija fl-Artikolu 3(2) rigward in-nuqqas ta' sodisfazzjon ta' kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3(1)(c), għandu jitqies mill-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-possibbiltà ta' nuqqas serju fil-konformità mal-obbligi ewlenin fl-implimentazzjoni tal-impenn legali msemmi fil-paragrafu 1.

Artikolu 7

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 2 u 3 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

3. Id-delega tas-setgħa msemija fl-Artikoli 2 u 3 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandha taffettwa l-validità ta' ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma' tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il- prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 2 u 3 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahar min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahar fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 8

Proċedura ta' urġenza

1. L-atti delegati adottati taħt dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni skont il-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet li għalihom tkun intużat il-proċedura ta' urġenza.
2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemija fl-Artikolu 7(6). F'dan il-każ, il-Kummissjoni għandha tirrevoka l-att minnufih wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

Artikolu 9

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika mid-data ta' wara dik li fiha t-Trattati ma jibqgħux japplikaw u fir-Renju Unit skont l-Artikolu 50(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika

Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar il-miżuri li jikkonċernaw l-implimentazzjoni u l-finanzjament mill-baġit 2019 fir-rigward tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni.

1.3. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.3.1. Rekwiżit li jrid jiġi ssodisfat fuq terminu qasir jew twil inkluż kronoloġija dettaljata għall-bidu tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan għandu japplika mid-data ta' wara dik li fiha t-Trattati ma jibqgħux japplikaw u fir-Renju Unit skont l-Artikolu 50(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament ma għandux japplika jekk ftehim dwar il-ħruġ konkluż mar-Renju Unit skont l-Artikolu 50(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jkun daħal fis-seħħ sa dik id-data.

1.3.2. Il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi diversi, eż. qligħ minn kordinazzjoni, ċertezza tad-dritt, effettività akbar jew kumplementarità). Għall-finijiet ta' dan il-punt, "il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur li b'mod ieħor kien jinholq mill-Istati Membri wehdom.

Mhux applikabbli

1.3.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi

Mhux applikabbli

1.3.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u l-possibilità ta' sinerġiji ma' strumenti xierqa oħra

Dan ir-Regolament huwa kompatibbli mal-QFP. Ma għandu l-ebda impatt finanzjarju.

1.3.5. Valutazzjoni tal-opzjonijiet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż il-kamp ta' applikazzjoni għar-riallokazzjoni

Dan ir-Regolament ma għandu l-ebda impatt finanzjarju. Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-programmi se tiġi ffinanzjata permezz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni dment li r-Renju Unit jipprovdi r-riżorsi previsti fil-baġit 2019 kif adottat mill-Parlament Ewropew f'Diċembru 2018.

1.4. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

- X l-ebda impatt finanzjarju

1.5. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)⁶

X **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

- X mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;
- X mill-aġenziji eżekuttivi

X **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

X **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

- X il-pajjiżi terzi jew il-korpi li huma ħatru;
- X organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);
- X il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investment;
- X korpi msemija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;
- X korpi rregolati bil-liġi pubblika;
- X korpi amministrati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku sal-punt li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
- X korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li huma fdat lilhom bl-implimentazzjoni ta' sħubija privata-pubblika u li tipprovdi garanziji finanzjarji adegwati;
- X persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.
- *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta' ġestjoni wieħed, jekk jogħġbok ipprovi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

Mhux

applikabbli

⁶ Dettalji tal-modi ta' ġestjoni u referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinstabu fuq is-sit BudgWeb: <https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/EN/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx>

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Mhux applikabbli

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' verifika

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposti

Mhux applikabbli

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbiliti għall-mitigazzjoni tagħhom

Mhux applikabbli

2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-“kostijiet tal-kontrolli ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' żball (mal-ħlas u fl-għeluq)

Mhux applikabbli

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.

Mhux

applikabbli

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji.

L- intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja Baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mħ ux diff. ⁷	mill- pajjiżi tal- EFTA ⁸	mill-pajjiżi kandidati ⁹	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal- Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
Kollha	Il-programmi kollha tal-qafas finanzjarju pluriennali	Diff./Mħ ux diff.				

3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta dwar l-appropriazzjonijiet

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali

- **X Dan ir-Regolament ma għandu l-ebda impatt finanzjarju.**
- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

⁷ Diff. = Appropriazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Appropriazzjonijiet mhux differenzjati.

⁸ L-EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

⁹ Pajjiżi kandidati u, meta applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

L-intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	13	
--	----	--

			2019	2020	2021	2022	2023	Snin sussegwenti	TOTAL
• Kanċellazzjoni ta' approprjazzjonijiet operazzjonali									
	Impenji	(1a)							
	Pagamenti	(2a)							
TOTAL tal-appropriazzjonijiet	Impenji	=1a+1b +3							
	Pagamenti	=2a+2b +3							

•TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)							
	Pagamenti	(5)							
•TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi			(6)						
TOTAL tal-appropriazzjonijiet	Impenji	=4+ 6							
	Pagamenti	=5+ 6							

Jekk aktar minn intestatura operazzjonali waħda hija affettwata mill-proposta / l-inizjattiva, irrepeti t-taqsima ta' hawn fuq:

•TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali (l-intestaturi operazzjonali kollha)	Impenji	(4)								
	Pagamenti	(5)								
TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi (l-intestaturi operazzjonali kollha)			(6)							
TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 4 tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont referenzjali)	Impenji	=4+ 6								
	Pagamenti	=5+ 6								

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	5	“Nefqa amministrattiva”
--	----------	-------------------------

Din it-taqsimha jenħtieġ li timtela billi tintuża “d-data baġitarja ta’ natura amministrattiva” li qabel kollox trid tiġi introdotta fl-[Anness tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva](#) (l-Anness V tar-regoli interni), li jittella’ fid-DECIDE għal finijiet ta’ konsultazzjoni bejn is-servizzi.

miljuni ta’ EUR (aġġustati ’l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal- impatt (ara l-punt 1.6)		TOTAL
DĠ: <..... >								
• riżorsi umani								
• Nefqa amministrattiva oħra								
TOTAL TAD-DĠ <.....>	Appropriazzjonijiet							

TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total ta’ impenji = Total ta’ pagamenti)							
--	---	--	--	--	--	--	--	--

miljuni ta’ EUR (aġġustati ’l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena N ¹⁰	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal- impatt (ara l-punt 1.6)		TOTAL
TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji							
	Pagamenti							

¹⁰ Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi “N” bl-ewwel sena ta’ implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). L-istess għas-snin ta’ wara.

3.2.2. Output stmat iffinanzjat b'approprjazzjonijiet operazzjonali

Approprjazzjonijiet ta' impenn f'miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Indika l-għanijiet u l-outputs ↓			Sena N		Sena N+1		Sena N+2		Sena N+3		Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)						TOTAL	
	OUTPUTS																	
	Tip ¹¹	Kost medju	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru Totali	Kost totali
GĦAN SPEĊIFIKU Nru 1 ¹² ...																		
- Output																		
- Output																		
- Output																		
Subtotal għall-għan speċifiku Nru 1																		
GĦAN SPEĊIFIKU Nru 2...																		
- Output																		
Subtotal għall-għan speċifiku Nru 2																		
TOTALI																		

¹¹ L-outputs huma prodotti u servizzi li għandhom jiġu forniti (eż.: l-għadd ta' skambji tal-istudenti ffinanzjat, l-għadd ta' km ta' toroq mibnija, eċċ.).

¹² Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku / speċifiċi..."

3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet amministrattivi

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva
- ☐ L-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena N ¹³	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)	TOTAL
--	-------------------------	-------------	-------------	-------------	---	-------

INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani								
Nefqa amministrattiva oħra								
Subtotal tal- INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali								

Barra mill- INTESTATURA 5¹⁴ tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani								
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva								
Subtotal barra mill- INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali								

TOTAL								
--------------	--	--	--	--	--	--	--	--

L-appropriazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-appropriazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

¹³ Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi "N" bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). L-istess għas-snin ta' wara.

¹⁴ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

3.2.3.1. Rekwiżiti stmati tar-riżorsi umani

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma tehtiegħ l-użu ta' riżorsi umani.
- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva tehtiegħ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time

	Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal- impatt (ara l-punt 1.6)		
• Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)							
XX 01 01 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)							
XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)							
XX 01 05 01/11/21 (Riċerka indiretta)							
10 01 05 01/11 (Riċerka diretta)							
• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full-Time: FTE) ¹⁵							
XX 01 02 01 (AC, END, INT mill-"pakkett globali")							
XX 01 02 02 (AC, AL, END, INT u JED fid-delegazzjonijiet)							
XX 01 04 ss ¹⁶	- fil-Kwartieri Ġenerali						
	- fid-Delegazzjonijiet						
XX01 05 02/12/22 (AC, END, INT - Riċerka indiretta)							
10 01 05 02/12 (AC, END, INT – Riċerka diretta)							
Linji baġitarji oħra (speċifika)							
TOTAL							

XX huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u aġenti temporanji	
Persunal estern	

¹⁵ AC = Aġenti Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END= Espert Nazzjonali Sekondar; INT= Persunal tal-aġenzija; JPD = Esperti Subordinati fid-Delegazzjonijiet.

¹⁶ Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

Il-proposta / L-inizjattiva:

- ☒ tista' tiġi ffinanzjata kollha kemm hi taħt l-intestatura rilevanti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP).
- ☐ tirrikjedi l-użu tal-marġni mhux allokat taħt l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali ddefiniti fir-Regolament dwar il-QFP.

Spjega x'inhum meħtieġ, billi tispjefika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti, u l-istrumenti proposti li jintużaw.

- ☐ teħtieġ reviżjoni tal-QFP.

Spjega x'inhum meħtieġ, filwaqt li tispjefika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta / L-inizjattiva:

- ☒ ma tipprevedix il-kofinanzjament minn partijiet terzi
- ☐ tipprevedi l-kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

Approporzjonijiet f'EUR

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

- ☐ Il-proposta / l-inizjattiva ma tħalli l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
 - Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
 - ☐ fuq ir-riżorsi proprji
 - X fuq dħul ieħor
- jekk jogħġbok indika, jekk id-dħul huwa assenjat għal-linji tan-nefqa X

EUR

Għal dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

Mhux applikabbli

Rimarki oħra (eż. metodu/formula użati għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

Iż-żieda ta' dħul ieħor se tikkorrispondi eżattament għall-istess ammont ta' riżorsi proprji li għandhom isiru disponibbli mir-Renju Unit għall-perjodu wara d-data tal-ħruġ f'konformità mal-baġit għall-2019 kif adottat mill-Parlament Ewropew f'Diċembru 2018.